**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kurt Farrugia)**
**-Vs-**
**KYLE SCHEMBRI**

**Illum 10 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba kontra **KYLE SCHEMBRI** ta' 36 sena, bin imwieled ġewwa l-Pieta' nhar is-7 ta' Ġunju 1989, iben Margaret Schembri, residenti ġewwa 12, Binja Joe Peppinu Cassar, Blk B, Flt 5B, Triq il-Ħawħ, Ħal Kirkop, li ġie akkużat talli nhar is-7 ta' Lulju 2025 għall-ħabta tal-15:35hrs u/jew f'ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq Mater Boni Consigli, Fgura, u/jew ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:-

1. Ikkommetta serq minn gewwa vettura liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Kevin Debono, u/jew xi persuna/i jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda,

u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' mill-Maġistrat Astrid May Grima LL.D mid-digriet datat 25 ta' Mejju, 2020 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioe' mill-Maġistat Gainella Camilleri Busuttil LL.D mid-digriet datat 17 ta' Novembru 2024 u li permezz tiegħu ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċidiv a terminu ta' l-artikolu 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' Kevin Debono u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-hlas ta' spejjes li jkollhom, x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semgħet lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu, in-natura u s-serjeta' tar-reati li rreġistra ammissjoni dwarhom, il-konsegwenzi legali ta' dikjarazzjoni ta' ħtija u l-piena erogabbli, u tatu ħin biex jaħseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semghet lill-imputat, wara dan kollu, jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fil-fehma tagħha, piena ta' priġunerija effettiva ta' tnax-il xahar tkun waħda idonea;

Rat il-kopji legali tad-digrieti msemmijin fit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, ippreżentati mill-Prosekuzzjoni b'nota tal-10 ta' Lulju 2025 in ottemperanza mal-ordni mogħtija fit-8 ta' Lulju 2025;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tiegħu, tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat għandu jinsab ħati tar-reati li ġie mixli dwarhom.

Għall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali oneruża tal-imputat li diġa' nstab ħati f'żewġ okkażjonijiet oħra tad-delitt ta' serq aggravat u ġie kkundannat ukoll għal priġunerija. Qieset ukoll li r-reat ġie kommess waqt li l-imputat kien meħlus mill-arrest bis-saħħa ta' żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest u konsegewentement, bid-dikjarazzjoni tal-ħtija tiegħu għall-kommissjoni ta' delitt volontarju, għandu jitqies li kiser waħda mill-iktar kundizzjonijiet gravi tal-ħelsien mill-arrest tiegħu fiż-żewġ każijiet.

Iżda kkunsidrat ukoll li l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċediment, ikko-opera bis-sħiħ waqt l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kif ukoll esprima r-rimors tiegħu u skuża ruħu għal egħmilu u l-fatt ukoll li d-derubat ingħata lura l-pussess tal-oġġetti misruqa. Minħabba f'dan kollu, il-Qorti m'hijiex serja

tirrevoka l-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-ħati minkejja li huwa ħati tar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9, anke – u fuq kollox - għaliex ma tistax tagħmel dan minħabba li l-Pulizija ma talbitx espressament fiċ-ċitazzjoni ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat.

B'żieda ma' dan kollu għandu jingħad illi bl-istess att, ċioe' s-serq aggravat, l-imputat kiser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi, għaliex l-att tas-serq ikkostitwixxa wkoll fl-istess waqt, ksur ta' kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9, liema ħelsien ingħata bis-saħħa ta' żewġ digrieti, u għaldaqstant, isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni b'dan illi għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat ta' serq aggravata taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq kollox, billi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu u sejjer jiġi dikjarat li huwa reċidiv anke taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ma tistax tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-istess Kodiċi Kriminali u tittratta mal-imputat permezz ta' sentenza sospiża, minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 28A(7)(b), 49, 50, 261(ġ), 271(ġ), 281(a) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni ssib lil KYLE SCHEMBRI ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah priġunerija effettiva għal tnax (12)-il xahar.**

**Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tal-ammont ta' €500 mill-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet tal-25 ta' Mejju 2020 mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta (Maġ. Dr. Astrid May Grima) fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Kyle Schembri'.**

**Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tal-ammont ta' €500 mill-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet tas-17 ta' Novembru 2024 mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta (Maġ. Dr. Giannella Busuttil) fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Kyle Schembri'.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni għall-konfiska.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**